

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-11 ta' Novembru 2010 —  
Vino vs Poste Italiane**

**(Kawża C-20/10)**

“Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura — Politika soċjali — Direttiva 1999/70/KE — Klawżoli 3 u 8 tal-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien determinat — Kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat fis-settur pubbliku — L-ewwel jew l-uniku kuntratt — Obbligu li jiġu indikati r-raġunijiet oġġettivi — Tħassir — Tnaqqis tal-livell ġenerali ta' protezzjoni tal-ħaddiema — Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni — Artikoli 82 KE u 86 KE”

1. *Politika soċjali — Ftehim Qafas bejn CES, UNICE u CEEP fuq ix-xogħol għal żmien determinat — Direttiva 1999/70 — Projbizzjoni ta' tnaqqis tal-livell ġenerali ta' protezzjoni tal-ħaddiema fil-qasam kopert mill-imsemmi ftehim (Direttiva tal-Kunsill 1999/70, Anness, klawżola 8(3)) (ara l-punt 48)*
2. *Politika soċjali — Ftehim Qafas bejn CES, UNICE u CEEP fuq ix-xogħol għal żmien determinat — Direttiva 1999/70 — Kamp ta' applikazzjoni — Differenza ta' trattament bejn ċerti kategoriji ta' ħaddiema għal żmien determinat — Esklużjoni (Direttiva tal-Kunsill 1999/70, Anness, klawżola 4) (ara l-punti 55-57)*
3. *Domandi preliminari — Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja — Limiti — Ftehim Qafas bejn CES, UNICE u CEEP fuq ix-xogħol għal żmien determinat — Direttiva 1999/70 — Suġġett — Iffissar tal-prinċipji ġenerali u tal-obbligi minimi li jirrigwardaw ċerti aspetti limitati tal-kuntratti għal żmien determinat — Nuqqas ta' armonizzazzjoni tat-totalità tar-regoli nazzjonali dwar il-kuntratti għal żmien determinat (Artikolu 267 TFUE) (ara l-punti 50, 54, 63-65)*
4. *Domandi preliminari — Ammissibbiltà — Neċessità li tingħata informazzjoni suffiċjenti lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kuntest fattwali u leġiżlattiv — Portata tal-obbligu fil-qasam tal-kompetizzjoni (Artikolu 267 TFUE) (ara l-punti 76, 77, 79)*

## Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Tribunale di Trani — Interpretazzjoni tal-klawżoli 3 u 8(3) tal-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368) — Kompatibbiltà ma' leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi fl-ordinament ġuridiku nazzjonali klawżola li ma tispesifikax ir-raġuni tal-impjeg għal żmien determinat għall-impjeg ta' ħaddiema fi ħdan SpA Poste Italiane.

## Dispożittiv

- 1) Il-klawżola 8(3) tal-ftehim-qafas fuq ix-xogħol għal żmien determinat, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jidher fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP, għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix li liġi nazzjonali, bħal dik prevista fl-Artikolu 2(1)A tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 368 dwar l-implementazzjoni tad-Direttiva 1999/70/KE dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP (decreto legislativo n. 368, attuazione della direttiva 1999/70/CE relativa all'accordo quadro sul lavoro a tempo determinato concluso dall'UNICE, dal CEEP e dal CES), tas-6 ta' Settembru 2001, li, b'differenza mis-sistema legali applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan id-digriet, tippermetti lil impriża, bħal Poste Italiane SpA, tikkonkludi, permezz tal-osservanza ta' ċerti kundizzjonijiet, kuntratt ta' xogħol ewlieni u uniku għal żmien determinat ma' ħaddiem, bħal C. Vino, mingħajr ma jkollha tindika r-raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw li ntuża kuntratt konkluż għal dan it-tul ta' żmien, peress li din il-leġiżlazzjoni ma hijiex marbuta mal-implementazzjoni ta' dan il-ftehim qafas. F'dan ir-rigward, huwa irrilevanti li l-għan ta' din il-leġiżlazzjoni ma ħaqqux protezzjoni li hija mill-inqas ekwivalenti għall-protezzjoni tal-ħaddiem għal żmien determinat prevista mill-imsemmi ftehim qafas.

- 2) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea manifestament ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għar-raba' domanda magħmula mit-Tribunale di Trani (l-Italja).
- 3) Il-ħames domanda preliminari mressqa mit-Tribunal di Trani hija manifestament inammissibbli.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-18 ta' Novembru 2010 —  
ArchiMEDES vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-317/09 P)**

“Appell — Tpaċija ta' djun li jaqgħu taħt sistemi legali differenti — Talba għar-rimbors tas-somom imħallsa bil-quddiem — Prinċipju ta' litis denuntiatio — Drittijiet tad-difiża u dritt għal smiġh xieraq”

1. *Proċeduri — Motivazzjoni tas-sentenzi — Portata (Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 36) (ara l-punti 76-78)*
2. *Appell — Aggravji — Motiv ippreżentat għall-ewwel darba fil-kuntest tal-appell — Inammissibbiltà (ara l-punti 88-91)*
3. *Appell — Aggravji — Motivi ta' sentenza vvizzjati bi ksur tad-dritt tal-Unjoni (ara l-punt 105)*
4. *Appell — Aggravji — Motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' mekkaniżmu ta' kjamata in kawża (ara l-punti 121-125)*